# Pietru Chetcuti - Sittin sena jsuq il-Monument

Minn **Victor B. Caruana**

F'Settembru 2006, proprju f'Jum il-Mosta, is-Sur Joe De Martino, is-Sindku tal-Mosta, ippreżenta tifkira ta' ringrazzjament lis-Sur Pietru Chetcuti, f'isem il-Mostin kollha, bħala apprezzament talli kien saq il-Monument ta' Kristu mejjet li jinħareġ fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, għal sittin sena. Jien iltqajt ma' Pietru, kif xtaq li nsejjaħlu, fid-dar tiegħu, 110, Triq Gafà, il-Mosta.


Ritratt: Victor B. Caruana

*Is-Sindku is-Sur Joe De Martino jippreżenta tifkira ta' ringrazzjament lis-Sur Pietru Chetcuti f'Jum il-Mosta 2006.*

*VICTOR (V): Insellimlek Piet, tista' tagħtina xi tagħrif dwarek?*
PIETRU (P): Jiena twelidt fl-10 ta' Marzu 1921, u l-ġenituri tiegħi kienu Salvu u Anna Fenech. Konna sebat aħwa f'din l-ordni: Marija, Pawlu, Ġużeppa, jien, Karmni, Filomena u Sunta.

*V: X'kien ix-xogħol tiegħek? Meta kont żgħir, niftakrek suldat issuq il-mutur tas-servizzi Ingliżi, ġieli irkibt ma' xi karozza tal-linja misjuqa minnek, u niftakrek ukoll bħala bennej.*
P: Kont immid għonqi għal kollox, basta r-rota ddur u ma narax il-familja tiegħi, li kienet numeruża, bil-ġuħ. Qatt ma rrifjutajt xogħol, għamilt żmien naħdem fis-sengħa tal-bini, u meta ma kontx insib xogħol kont naħdem ta' xufier anki fuq tal-linja. L-aktar li kont naħdem fuq ir-rotta tal-Mosta, u kultant kont nagħmel xi vjaġġ għal tas-Sliema.

*V: X'kien jisimha l-mara tiegħek?*
P: Kien jisimha Katerina u ilha mejta tmien snin. Aħna kellna disat itfal: Rose, Salvu, Annie, Tony, Vincent, Mary, Joseph, Karmenu, u Vivienne. Kif qed tara kelli għal min naħdem u l-pagi kienu baxxi ħafna.

*V: Kellek xi delizzju?*
P: L-uniku delizzju li kelli kien li nerfa' xi vara matul diversi purċissjonijiet li kienu jsiru matul is-sena, u kont inħobb nagħti daqqa t'id fl-armar tat-toroq fi żmien Santa Marija. Meta bdejt nitfarfar dejjem kont nilbes ta' fratell. Aktar tard bdejt nerfa' xi standart u ħadt parti b'dan il-mod tista' tgħid f'purċissjonijiet is-sena kollha. L-iktar standart li kont nerfa' kien dak tas-Sagrament magħruf bħala l-prim. Dan huwa kbir, wieħed mill-itqal, u fih kedda fil-purċissjoni, jekk ikun ir-riħ.

Dak iż-żmien kienu jsiru aktar purċissjonijiet mil-lum. L-istatwa sabiħa li nsibu fin-niċċa fir-Rotunda pariġġ dik ta' Santa Marija kienet tinħareġ diversi drabi taħt diversi titoli, bħal taċ-Ċintura, tal-Ward, u Marija Reġina.

*V: Għidilna aktar dwar dan id-delizzju sabiħ, u devot fl-istess ħin.*
P: U x'naqbad ngħidlek. Jien għamilt żmien twil nerfa' l-istatwa sabiħa ta' Santa Marija għal madwar tletin sena. Jien kont bdejt ħawn żagħżugħ ħafna, bir-reffiegħa l-oħra wisq akbar minni. Tista' tgħid erfajt kważi f'kull vara minn tal-Ġimgħa l-Kbira. L-aħħar li erfajt kien fil-Vara l-Kbira għal tliet snin. Qed ngħidlek l-aħħar li erfajt, għax imbagħad bdiet l-istorja twila tal-Monument. Qabel spiċċajt, il-gaj li konna nerfgħuha, ftehmna li ngħamlu u nħallsu Salib ġdid tal-Via Sagra. Għamilnieh u din l-opra sabiħa għadha tintuża sal-lum. Dan sar fi żmien il-prokuratur Dun Anton Muscat, u kien sewa mitt lira. Din kienet somma kbira tlieta u sittin sena ilu.



Is-Sur Pietru Chetcuti quddiem il-Monument fil-Ġimgħa l-Kbira 2005, l-aħħar darba li saqu

*Ħajr: Familja Chetcuti*

*V: Tista' tgħidilna kif bdiet l-istorja twila tal-Monument?*
P: Kelli ġibda speċjali lejh minn mindu kont żgħir. Għall-ħabta tal-1944, kont smajt li min kien isuqu, kien se jemigra. Jien avviċinajt lill-prokuratur tal-Ġimgħa l-Kbira, Dun Anton Muscat, u tlabtu biex noħorġu mill-maħżen fejn jintrefa' sal-Knisja. L-ewwel darba kont ftit eċitat, iżda mill-ewwel ħadtlu l-ħabta. Wara ftit ġranet waslet il-Ġimgħa l-Kbira u soqtu l-ewwel darba tul il-purċissjoni kollha, u bqajt insuqu għal sittin sena konsekuttivi.

Nerġa' ngħidlek "insuqu" għaliex għad hawn min jaħseb, fosthom barranin, li dan jinġarr fuq l-ispallejn minn reffiegħa li jkunu taħtu. Naturalment għandu erba' roti tal-ħadid, miksija bit-tajers tal-lastiku solidi, kif ukoll *steering wheel* kif ukoll brejk, minħabba ż-żewġ niżliet taz-zuntier u n-niżla ta' San Ġużepp (Triq il-Kbira). Nista' ngħidlek, li f'sittin sena qatt ma ħassejna l-bżonn li nużawh fin-niżla ta' San Ġużepp. Min ikun isuq jista' jara fejn hu miexi minn żewġ toqbiet, bil-kemm jidhru minn barra, billi qegħdin fl-ornament ta' l-induratura.

*V: Tassew interessanti Piet, tista' tgħidilna aktar?*
P: Il-qafas tas-sodda li fuqha hemm Kristu mejjet hija isolata mill-parti t'isfel permezz ta' sett ta' molol, biex ma ssirx ħsara minħabba xi skossi matul it-triq. Riċentement ma' dawn il-molol żdiedu sett ta' *shock absorbers* moderni biex issir anqas ħsara. Il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ddum madwar tliet siegħat barra, u l-aktar li tgħejja, għaliex tkun mgħawweġ, biex tkun tista' tara sewwa minn dawn iż-żewġ toqbiet, billi huma daqsxejn fil-baxx. Matul it-triq kollha, qatt ma ħriġt minn taħtu, minn x'ħin toħroġ sa ma tidħol. Ġeneralment dejjem konna nkunu taħtu erbgħa minn nies, biex jgħinu fl-imbuttar, għalkemm tant hu mibni bis-sengħa li fil-wita kont insuqu anke bl-għajnuna ta' persuna oħra. Matul it-triq, kien ikollna bżonn biss ta' l-għajnuna waqt id-dħul tal-purċissjoni minħabba t-taraġ.

*V: Kif involvejt membri oħra tal-familja fil-Monument?*
P: Lil uliedi Toninu u Ċensu kont ili ndaħħalhom miegħi taħtu minn mindu saru ġuvintur. Jiena kelli nirtira fl-2005 minħabba raġunijiet ta' saħħa, wara li kien ili nsuqu sittin sena. Mis-sena l-oħra beda jsuqu ibni Toninu, u miegħu jkun hemm ibnu Manuel kif ukoll ibni Ċensu.



*Ritratt: Victor B. Caruana*

Il-Monument minn taħt - tidher l-isterring wheel u r-roti

*V: Xi tgħidilna dwar il-ħidma tiegħek bħala xufier fuq il-karrozzi tal-linja?*
P: Kont naħdem fejn kont naħdem, ġieli ħdimt bħala xufier fuq tal-linja, speċjalment nhar ta' Ħadd, billi l-pagi kienu baxxi ħafna. Dak iż-żmien konna għadna bil-kunduttur, li kien ikun fuq l-istaffa biex jiġbor il-flus.

Ix-xufier xogħlu kien li jsuq biss. Kont insuq ma' diversi proprjetarji tax-xarabankijiet, l-aktar ma' Ġużeppi l-Paramount. Konna naħdmu siegħat twal. Ġieli ħdimt ukoll bħala xufier tat-trakkijiet tal-ġebel, fost oħrajn ma' Pawlu tal-Meleċin, li kellu barriera bi sħab ma' ieħor bejn l-Imqabba u s-Siġġiewi. Minn hemm konna nġorru l-ġebel għal kull naħa ta' Malta.

*V: Pietru, x'inhuma t-tifkiriet tiegħek ta' żmien il-gwerra?*
P: Żminijiet ta' biża' u ansjetà għalija u għall-familjari tiegħi, l-aktar għax kont inkun 'l bogħod minnhom u ma kontx inkun naf x'seta' ġralhom. Bħal ħafna ġuvintur ta' żmieni, jiena kont inġbart suldat bil-lieva. Jiena kont *gunner*, jiġifieri suldat fuq il-kanuni. Xogħolna kien li niddefendu lil Malta mill-ajruplani ta' l-għadu. Meta waqgħet il-bomba fuq ir-Rotunda, kont stazzjonat fil-Fortizza ta' San Pietru. (Din inbniet mill-Ingliżi fl-1890, u tinsab qrib Ħaż-Żabbar. Matul il-gwerra din kienet immexxija minn Major Watkins).



Ħajr: Familja Chetcuti

*Pietru wara l-gwerra bħala despatch rider ħdejn il-mutur tiegħu tas-servizz Matchless waqt inspection parade fil-paradeground ta' St. Andrews Barracks. Warajh jidhru t-trakkijiet kbar li kienu jiġbdu l-kanuni Bofors.*

Jien kont immur u niġi minn hemm bir-rota u kont indum ġranet ma nerġa' niġi d-dar. Fit-9 ta' April 1942 kont hemm u mill-ewwel indunajna li kien hemm attakk aħrax fuq il-Mosta. Jien bdejt ninkwieta dwar il-familja tiegħi u rnexxieli nikseb permess li mmur nara x'sar mill-familja u naturalment ġejt bir-rota u matul il-lejl. Dwal fit-toroq ma kienx hemm u kelli fanal żgħir mar-rota.

L-ewwel m'għaddejt għand ommi u mbagħad bqajt sejjer id-dar tiegħi għax kont diġà miżżewweġ u kelli t-tfal. Għall-grazzja t'Alla ħadd minnhom ma kien weġġa', iżda huma qaluli li kienet waqgħet bomba fir-Rotunda. Wara ftit erġajt tlaqt bir-rota għall-Fortizza ta' San Pietru. Niftakar tajjeb meta kienu jsewwu l-ħsara fil-koppla. Kont hemm meta kienu qed itellgħu l-armar iddisinjat mill-imgħallem Salvu Zahra. Dak iż-żmien ma kienx hawn *cranes* iżda kien hemm nies tassew tas-sengħa li kienu jafu jarmaw bil-kbir.

*V: Fejn kont stazzjonat aktar bħala suldat?*
P: Kont ukoll stazzjonat f'Ħal Far u anki kultant f'Ta' Vnezja (Ta' Qali), u anke kont fuq il-kanun Bofors li kien fit-tarf tal-Mosta, fejn illum hemm il-football ground il-kbir. Niftakar ukoll ħafna djar imwaqqgħin fil-Mosta u meta mietu 39 ruħ fix-xelter ta' Triq Gafà. Dakinhar ukoll kont fil-Fortizza ta' San Pietru u ġejt nara x'ġara bir-rota, iżda dik id-darba sibt li wieħed minn dawk li mietu fix-xelter kien iz-ziju tiegħi Ġamri Fenech, ħu ommi, li kien ibiegħ il-ħobż.



Ħajr: Familja Chetcuti

*Pietru (l-ewwel wieħed mill-lemin) ma' sħabu suldati u żewġ Għarab fid-deżert fil-Libja. Iż-żewġ Għarab huma s-sidien tal-ġemel kbir li hemm warajhom.*

Missieri wkoll kien ibiegħ il-ħobż Birkirkara u l-Ħamrun. Kien imur biż-żiemel u l-karrettun. Fil-bidu kellu kaxxa kbira mgħottija fejn ipoġġi l-ħobż. Aktar tard kellu karrettun bil-kaxxa kbira qisha gwardarobba bil-bibien. Din kienet tkun miżbugħa bajda jew isfar ċar. Il-forn kien taz-zijiet u kien ħdejn Pjazza Brittanja.

*V: Hawnhekk ukoll kien hawn vit ta' l-ilma pubbliku, li kellu x'jaqsam mal-familja tagħkom, tista' tgħidilna aktar dwar dan?*
P: Dan kien fit-triq fil-kantuniera ta' Pjazza Brittanja, u ma kienx jgħidulu vit iżda pompa ta' l-ilma. In-nies kienu jtellgħu l-ilma permezz ta' pompa bl-idejn mill-ġiebja tan-nannu, li kienet imqabbda ma'

mina ta' l-ilma taħt l-art. Il-ġiebja kienet taħt id-dar tan-nannu, imma l-pompa kienet fit-triq. Din kien għadha hemm sal-ħamsinijiet. Meta jien kien għadni żagħżugħ ma kienx hawn viti ta' l-ilma fid-djar. In-nies kienu jiġu jimlew bil-bramel jew xi buqar kbir. Tista' tgħid li dak iż-żmien kull dar żgħira jew kbira kien ikollha l-bir.

*V: Pietru nirringrazzjak ta' dan it-tagħrif siewi li tajtna. Kif għidtli inti, kont issuq trakkijiet, muturi, karrozzi tal-linja u diversi inġenji oħra, iżda l-aktar vettura għal qalbek kienet dik tal-Mulej...il-Monument. Meta toħroġ Il-Mosta b'din l-intervista inti tkun għalaqt 86 sena. Nawgurawlek għomor twil.*

L-Intervista saret fid-dar ta' Pietru Chetcuti, il-Mosta, nhar it-22 ta' Jannar 2007.

# *Il-Girl Guides...10 miljun madwar id-dinja*

Minn **Rebecca u Abigail Galea**

Il-*Girl Guides* hija assoċjazzjoni li fiha jattendu 10 miljun tifla madwar id-dinja

Il-*Girl Guides* hi magħmula minn erba' taqsimiet:


Mosta Dolphins

Id-***Dolphins*** li jiltaqgħu tfal bejn il-ħames u seba' snin.
Il-***Brownies*** għal tfal bejn is-seba' u l-għaxar snin.
Il-***Guides*** għal tfal bejn l-għaxar snin u t-tlettax-il sena
Ir-***Rangers*** għal tfajliet bejn t-tlettax u sbatax-il sena.

Wara din l-età dawk il-bniet li huma interessati jistgħu jilħqu *guiders*.

Il-G*uides* fil-Mosta ilhom imwaqqfin mis-sena 1972 u huwa il-31 grupp li twaqqaf f'Malta. Il-*Guides* tal-Mosta huwa wieħed mill-ikbar gruppi madwar Malta.

Fil-Mosta b'kollox jattendu madwar sittin tifla b'numru kbir ta' *guiders* li dejjem lesti li jkunu hemm għalina u jorganizzaw laqgħat interessanti b'sistema ta' edukazzjoni informali. Fil-laqgħa tal-*Guides* ikollna ħin inqattgħu sagħtejn flimkien fejn nieħdu gost u nagħmlu ħbieb ġodda. Matul il-laqgħat il-*guiders* jorganizzaw diskussjonijiet u taħditiet ta' tagħlim u interess bħal saħħa u sbuħija, nitgħallmu wkoll dwar kulturi differenti. Jgħallmuna wkoll kif nagħmlu affarijiet kreattivi.

Matul is-sena jiġu organizzati ħafna attivitajiet fosthom attivitajiet ambjentali, quddies, parati u ħarġiet kulturali. L-iktar attività li kull tifla tkun qed tistenna hija meta mmorru xi kamp. Ta' kull sena l-kamp ikollu tema differenti. Din is-sena l-*Guides* tal-Mosta attendew għall-kamp nazzjonali. Dan il-kamp li sar San Vinċenz De Paule qattgħajna ħamest ijiem divertiment u tagħlim ma' l-anzjani. F'dan il-kamp mhux biss ħadna gost iżda tajna servizz u għamilna kumpanija lill-anzjani.


Rebecca & Abigail

Ikollna wkoll l-opportunità li nattendu kampijiet internazzjonali. F'2005 attendejna kamp fl-Ingilterra. Din kienet esperjenza sabiħa li jien u oħti ma ninsew qatt!

Fil-*Guides* it-tfajliet madwar id-dinja jingħaqdu fi ħbiberija u ftehim li jisperaw li jagħmlu d-dinja post aħjar għalina.

Għall-akar informazzjoni dwar il-*Girl Guides* tal-Mosta ċempel: 79534766 jew 79062323